VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,362, 17 ta' Diċembru, 2024
Taqsima B

A.L. 348 tal-2024

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn aktar 'il quddiem imsejħa t-"Tnax-il Skeda". Kap. 406.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(a) jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar; u

(b) jintroduċu titjib tekniku għad-dispożizzjonijiet eżistenti li jinsabu fit-Tnax-il Skeda.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Jemenda t-Tnax-il Skeda.

2. Is-subpartita (3) tal-partita 1 tat-Tnax-il Skeda għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

"(3) Fattura simplifikata għandha tkun ikkunsidrata bħala fattura ta' taxxa fi kwalunkwe waħda mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-ammont tal-fattura, inkluż it-taxxa, ma jkunx ogħla minn mitt euro (€100);

(b) fejn il-fattura maħruġa tkun dokument jew messaġġ meqjus bħala fattura skont is-subpartita (2);

(ċ) fejn il-persuna taxxabbli tkun qiegħda tibbenefika mill-eżenzjoni għall-impriżi ż-żgħar provduta taħt il-partita 16 tat-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' din is-subpartita ma għandhomx japplikaw fejn ikunu meħtieġa li jinħarġu fatturi fil-każ ta' provvisti bejn il-fruntieri jew fejn il-provvista taxxabbli ta' oġġetti jew servizzi ssir minn persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilita fl-Istat Membru li fih hija dovuta t-taxxa, jew li l-istabbiliment tagħha f'tali Stat Membru ma jintervjenix fil-provvista fis-sens tal-proviso għall-artikolu 20(2), u l-persuna responsabbli sabiex tħallas it-taxxa tkun dik il-persuna li lilha jiġu pprovduti l-oġġetti jew is-servizzi.".